


**Stqarrija għall-Istampa**

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea jippreżenta ħdax-il klipp vidjow

# 1989: IS-SENA LI BIDDLET L-EWROPA

## B'TIFKIRA TAL-20 ANNIVERSARJU TAL-BIDLA DEMOKRATIKA FL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT

**L-1989 kienet sena ta' bidla kbira, bidla deċiżiva kbira, għal dawk kollha li kienu jgħixu fil-Blokk tal-Lvant. Ir-rivoluzzjonijiet tal-1989 bdew era ġdida ta' demokrazija. Illum, 20 sena wara, xhieda jiftakru x'kien ifisser li tgħix matul dak iż-żmien u kif ir-rivoluzzjonijiet fasslu ħajjithom.**

**Ħdax-il klipp vidjow qosra** joffru ritratt qawwi ta' dak iż-żmien. Tifkiriet minn dawk li kienu minn ta' quddiem fil-bidla demokratika jitkellmu dwar l-ewwel lemħiet tagħhom tal-libertà. Il-klipps ikopru ġrajjiet **fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Ġermanja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka, fir-Rumanija, fis-Slovenja, fis-Slovakkja u fl-Ungerija.**

Permezz ta' dawn il-klipps, aħna naqsmu **l-esperjenzi ta' persuni** minn kull qasam tal-ħajja li jagħtu l-ħajja lil dan il-mument partikolari fl-istorja. Aħna nisimgħu minn ġurnalista li rrapporta fuq ir-rivoluzzjoni Rumena mill-bidu sal-aħħar tagħha u fuq l-ewwel elezzjonijiet demokratiċi fil-pajjiż, minn parteċipanti fid-dimostrazzjonijiet paċifiċi tal-istudenti li kienu seħħew fi Praga, kif ukoll minn bosta oħrajn li jitkellmu dwar x'kien ifisser għalihom dan iż-żmien.

Dawn il-klipps iservu **biex jiġbdu l-attenzjoni fuq il-bidliet drammatiċi** li raw b'għajnejhom nies li għexu f'epoka li xxukkjat lill-Ewropa kollha u li wasslet għall-UE mkabbra li naqsmu bejnietna llum. Il-films, li jdumu bejn wieħed u ieħor **3 minuti** kull wieħed, huma bla ħlas għall-użu personali jew flimkien f'xandiriet editorjali, webcasts u rapporti radjufoniċi.

Biex tara l-11-il vidjow:
http://multimedia.tipik.eu/year-that-changed-europe

Biex titlob il-format tax-xandir (11-il vidjow fi 22 lingwa), jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

**Nicolaï Von Wilcken**

E-mail:
nicolai.vonwilcken@tipik.eu
Tel: +32 2 287 19 31
Fax: +32 2 235 56 99

TIPIK Communication Agency